MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Marzu, 2004

Citazzjoni Numru. 389/2002/1

**Christopher Staff.**

**vs.**

**1. Yasmeen Hoosain Ariff f'isimha proprio u bhala kuratrici *ad litem* tat-tifla minuri, Saffron, u dan hekk nominata b'digriet ta' din il-Qorti tat-8 ta' April 2002;**

**2. Direttur tar-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 5 ta' April 2002 (a fol. 1 tal-process) fejn gie premess:-

Illi fl-20 ta’ Ottubru 2001, twieldet lill-konvenuta, tarbija ta’ sess femminili li nghatat l-isem ta’ Saffron Dharma, kif jirrizulta mill-anness certifikat tat-twelid numru erbgha, tnejn, sebgha wiehed (4271/2001) sbarra tnejn, zero, zero, wiehed;

Illi l-attur gie ndikat bhala missier it-tarbija fl-istess certifikat;

Illi l-attur mhux missier it-tarbija *stante* li huwa kien separat *de facto* mill-konvenuta omm u effettivament gie pubblikat kuntratt ta’ firda personali minn Nutar, Anthony Abela fis-26 ta’ Settembru 2001 (Dok. “B”);

Illi l-missier naturali ta’ l-istess tarbija huwa certu Christopher Hayes kif jigi ppruvat fit-trattazzjoni tal-kawza;

Illi l-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku naqas li jinkludi dawn id-dettalji fl-istess certifikat tat-tarbija.

Illi ghalhekk l-istess attur talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex:-

(1) Tiddikjara li l-attur mhux il-missier naturali tat-tarbija, Saffron Dharma, li twieldet lill-konvenuta nhar l-20 ta’ Ottubru 2001.

(2) Tordna l-kancellament ta’ ismu u l-konnotati tieghu l-ohra mal-kolonni ‘isem u kunjom ta’ missier it-tarbija, eta`/snin, fejn twieled/joqghod’ u ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet.’

(2) Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jesegwixxi l-kancellament ta’ l-istess konnotati mic-certifikat tat-twelid numru erbgha, tnejn, sebgha, wiehed (4271/2001) sbarra tnejn, zero, zero, wiehed.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut mill-lum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol. 3 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti esebiti a fol. 4 tal-process;

Rat ir-rikors ta' l-attur datat 5 ta' April 2002 fejn talab li tigi nominata l-konvenuta, Yasmeen Hoosain Ariff bhala kuratrici *ad litem* tal-minuri, Saffron Dharma Staff;

Rat id-digriet tat-8 ta' April 2002 fejn il-Qorti laqghet it-talba;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registrazzjoni Civili (a fol. 15) fejn gie eccepit:-

1. Illi l-konvenut, Direttur tar-Registrazzjoni Civili m'huwiex il-legittimu kontradittur fil-kawza *odjerna stante* li korrezzjonijiet ta' dokumenti ta' stat civili jsiru biss mid-Direttur tar-Registru Pubbliku u allura din il-kawza kellha tigi diretta kontra dan ta' l-ahhar;

2. Illi subordinament u bla pregudizzju ghas-suespost dwar il-mertu ta' l-azzjoni ta' denegata paternita` f'dan l-istadju huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi u ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti;

3. Illi fi kwalunkwe kaz ghandu jsir id-debitu avviz fil-Gazzetta tal-Gvern *ai termini* ta' l-**artikolu 254 tal-Kap 16**;

4. Illi wkoll bla pregudizzju, il-bidla li qed tintalab tirrigwarda dokument pubbliku li jikkoncerna minuri u jekk kemm-il darba tintlaqa` zgur li se tinfluwixxi fuq il-hajja futura ta' l-istess minuri, ghalhekk jinhtieg li kwalunkwe prova li tingieb tkun konvincenti u ammissibbli skond il-ligi;

5. Illi *in vista* tal-fatt li c-cirkostanzi li taw lok ghal talba ghal korrezzjoni fl-att tat-twelid huma ghal kollox estranei ghall-esponent huwa m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, id-Direttur tar-Registrazzjoni Civili a fol. 16 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda ta' l-imsemmi konvenut u l-lista tad-dokumenti esebiti (a fol. 16);

Rat in-nota tal-konvenuta *proprio et noe* datata 27 ta' Awissu 2002 fejn biha ammettiet it-talbiet attrici;

Rat in-nota ta' l-attur datata 27 ta' Awissu 2002 li permezz taghha ta ruhu b'notifikat bl-avviz ta' l-appuntament tal-kawza;

Rat il-verbali tas-seduti tas-17 ta' Ottubru 2002 fejn Dr. Joseph Bonnici talab li ssir korrezzjoni fl-okkju tac-citazzjoni billi l-kliem 'tar-Registru Civili' jigu sostitwiti bil-kliem 'tar-Registru Pubbliku' u l-Qorti laqghet it-talba u ordnat il-korrezzjonijiet rikjesti; inghata wkoll digriet ta' l-affidavit tal-partijiet b'terminu ta' erbghin (40) jum; tat-28 ta' Jannar 2003 fejn gie estiz it-terminu ghall-prezentata ta' l-affidavits ta' l-attur bi tletin (30) jum;

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet, id-Direttur tar-Registru Pubbliku datata 7 ta' Marzu 2003 fejn gie eccepit:-

1. Illi huwa mhux edott mill-fatti kif allegati fic-citazzjoni u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk il-provi dwar it-talbiet, inkluzi dawk il-provi xjentifici li jkunu opportuni, ghall-gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-att tat-twelid numru 4271 tas-sena 2001 m'huwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta' l-esponent li ghaldaqstant m'ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta' l-istanti.

3. Illi jekk ikun il-kaz illi din l-Onorabbli Qorti tiddeciedi li l-missier naturali m'huwiex Christopher Staff izda Christopher Hayes, liema talba ma gietx mitluba fic-citazzjoni, l-attur ghandu jispecifika d-dettalji personali kollha tieghu li jitlob li jigu mdahhla fl-att tat-twelid tal-minuri, Saffron Dharma.

4. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fol. 25 tal-process;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku;

Rat in-nota ta' l-attur datata 7 ta' Marzu 2003 fejn permezz taghha pprezenta l-affidavits tieghu stess, dak tal-konvenuta, Yasmin Hoosain Ariff u dak ta' Christopher Hayes;

Rat l-affidavits ipprezentati mill-attur a fol. 29 tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tat-3 ta' Gunju 2003 fejn Dr. Roma d'Alessandro ghad-Direttur tar-Registru Pubbliku fejn iddikjarat li l-eccezzjonijiet tad-Direttur tar-Registru Pubbliku huma dawk prezentati fid-9 ta' Awissu 2002 u tirtira dawk tas-7 ta' Marzu 2003; Dr. Bonnici ghall-attur iddikjara li l-attur ghalaq il-provi; deher Christopher Farrugia li kkonferma r-rizultati tat-testijiet tal-Paternita` maghmula minnu u esebiti bhala Dok. "CF1" sa Dok. "CF4"; il-kawza thalliet ghas-sentenza in *difetto d'ostacolo*;

Rat ir-rizultati tat-testijiet xjentifici kondotti minn Christopher Farrugia a fol. 26;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET.

### i) APPREZZAMENT TAL-PROVI PRODOTTI.

Illi fil-fatt din l-azzjoni ttentata mill-attur hija wahda minn tliet azzjonijiet permessibbli fil-ligi taghna sabiex tigi attakkata l-legittimita' ta' l-ulied u cjoe':-

(a) L-azzjoni ta' diskonoxximent jew ta' *denegata paternita'* a bazi ta' l-**artikolu 70 tal-Kap 16** li hija miftuha ghar-ragel li fic-certifikat tat-twelid huwa ndikat bhala

missier it-tifel imwieled fiz-zwieg, u dan fil-kazijiet indikati tassativament fis-**subartikolu (1) (a) sa (d),** liema azzjoni tattakka l-prezunzjoni *“pater est quae iustiae demonstrat”,* u twassal biss mhux biex jigi determinat il-missier tat-tarbija imma biss ghad-dikjarazzjoni li r-ragel ta’ l-omm ma huwiex il-missier, liema azzjoni ghandha tigi prezentata fit-termini stretti moghtija fl-**artikolu 73 tal-Kap 16.**

(b) It-tieni azzjoni hija dik moghtija biss lit-tifel *ai termini* ta’ l-**artikolu 84** sabiex jitlob l-istat ta’ iben legittimu u ghaliha japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-**artikoli 82 sa 85 tal-Kap 16.**

Illi a propozitu ta’ din l-azzjoni, nghad fil-kawza **“Antonio Scerri Gauci vs Dottor Giovanni Scicluna nomine et”** (A.C. 14 ta’ Jannar 1952):-

*“Illi din l-ahhar azzjoni tat-tfittxija ta’ paternita’ hija moghtija biss lit-tifel u hija estiza lill-werrieta jew dixxendenti tieghu fil-kaz biss previst mill-ligi.*
*It-tifel ghandu d-dritt li jitlob stat kuntrarju ghal dak li jaghtih l-att tat-twelid meta ma jkollux pussess ta’ stat konformi ma’ l-att tat-twelid, u ebda limitazzjoni ohra ma timponilu l-ligi ghall-ezercizzju ta’ dik l-azzjoni. Ghaldaqstant lilu ma tolqtux il-limitazzjoni li tolqot lil persuni ohra nteressati, konsistenti f’illi huma jkollhom jippruvaw l-impossibbilta’ fizika ta’ koabitazzjoni tal-prezenti genituri tat-tifel fi zmien rilevanti minhabba lontananza.*

*Meta t-tifel ma hux ostakolat fl-ezercizzju ta’ l-azzjoni ta’ ricerka tal-paternita’ tieghu bil-fatt li dik l-impossibbilta’ fizika ma tirrizultax; l-unika limitazzjoni li tolqtu hija dik illi tolqtu meta huwa jkun jippossjedi stat konformi ma’ l-att tat-twelid tieghu.”*

(c) It-tielet azzjoni hija dik kontemplata fl-**artikoli 76 u 77 tal-Kap 16** fejn fl-**artikolu 77** jinghad li:-

*“Il-legittimita’ ta’ tifel imwieled matul iz-zwieg tista’ tigi attakkata minn kull min ghandu nteress, jekk jipprova illi, fiz-zmien bejn it-tliet mitt gurnata u l-mija u tmenin gurnata*

*qabel it-twelid tat-tifel, ir-ragel kien f'impossibbilta' li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha".*

Illi din l-ahhar azzjoni msemmija ta' mpunjazjoni ta' legittimita' hija miftuha ghal kull terz, inkluz lill-omm u lill-istess tifel peress li hija disponibbli ghal min ghandu nteress, inkluz il-persuna li tallega li hija missier it-tifel.

Illi minn dan kollu jirrizulta li l-ligi taghti l-opportunita' lil diversi persuni fil-parametri hemm indikati, u biss bl-azzjonijiet fuq indikati sabiex tigi denagata l-paternita' jew anke kontestata l-legittimita`.

Illi pero' fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-azzjoni abbazi ta' l-**artikolu 77** hija subordinata ghal dak li hemm provdut fl-**artikolu 81** li jipprovdi li l-istat ta' iben legittimu ma jista' jigi attakkat minn hadd, lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att tat-twelid u l-pussess ta' l-istess stat li jaqbel ma' tali att.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ttentata skond l-**artikolu 77** sabiex tirnexxi trid issir fl-ewwel lok a bazi ta' iben jew bint li skond l-att ta' twelid ma jkunx ikkunsidrat bhala legittimu, jew ghalkemm l-istess att ta' twelid jikkunsidrah legittimu, huwa ma jkunx jippossedi l-istess stat ta' legittimu.

Illi l-pussess ta' l-istat ta' iben legittimu skond l-**artikolu 80** *"stabbilit minn gabra ta' fatti, mehudin flimkien, li jiswew biex juru r-rabta ta' filjazzjoni u ta' demm bejn it-tifel u l-familja li hu jghid li hi l-familja tieghu.*

*L-ewlenin fost dawn il-fatti huma:-*

*(a) Illi t-tifel ikun gieb dejjem il-kunjom tal-missier li tieghu jghid li huwa l-iben;*

*(b) Illi l-missier ikun trattah bhala ibnu, u, f'dik il-kwalita' haseb ghall-manteniment u edukazzjoni tieghu, u sabiex jikkollokah*;

*(c) Illi t-tifel gie dejjem maghruf bhala tali min-nies;*

*(d) Illi huwa jkun maghruf bhala tali mill-familja".*

Illi dan ifisser skond is-sentenza **"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et"** (P.A.(RCP) 26 ta' Jannar 2000) li skond il-provvedimenti ta' l-**artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** huwa biss jekk ikun hemm *"nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *tal-pussess ta' stat* (u dan skond kif definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) *inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz, … … … li l-prova tal-filjazzjoni tista' ssir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi".*

Illi mis-sentenzi fuq citati din hija l-unika konkluzjoni logika li tista' tinghata meta jigu mqabbla l-**artikoli 81** ma' l-**artikolu 77,** *stante* li jidher li fl-opinjoni ta' din il-Qorti, l-kundizzjoni kontenuta fl-**artikolu 77** dwar l-impossibbilta' fizika, hija wkoll kundizzjoni ohra li kull persuna ohra, apparti l-minuri jekk dan jagixxi *ai termini* tal-ligi.

Illi dan jinsab ikkonfermat fis-sentenza **"Mario Maugeri vs Direttur tar-Registru Pubbliku"** (P.A. (RCP) 13 ta' Jannar 1999) fejn inghad b'riferenza ghall-fatti f'dik il-kawza li *"Dwar l-****artikolu 81*** *… … … jigi ndikat li tali artikolu ma huwiex ta' ostakolu ghall-azzjoni odjerna, peress li jidher car mis-segwenti fatt fuq esposti, li l-istess minuri qatt ma kellu l-pussess ta' stat ta' iben legittimu li jaqbel ma' l-att tat-twelid peress li l-persuna ndikata kienet ilha nieqsa … ... u ommu kienet tghix biss ma' l-attur".*

Illi minn dan johrog car li jekk iben jew bint ikollhom stat ta' wild legittimu, u jkollhom ukoll il-pussess ta' l-istess stat konformi ma' l-att ta' twelid, **hadd** ma jista' jattakka dan l-istat a bazi ta' l-**artikolu 77** anke jekk tigi ppruvata l-impossibbilta' fizika ndikata fl-istess artikolu. Illi dan gie wkoll konfermat fis-sentenzi **"Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri"** (Vol.XXXII.ii.309) u **"Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"** (P.A. (RCP) 18 ta' Jannar 2000) fejn inghad li:-

*"Illi dan ifisser illi skond il-provedimenti ta' l-****artikolu 82 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,*** *jekk ikun hemm nuqqas ta' att ta' twelid* ***jew*** *ta' pussess ta' stat (u dan skond kif*

*definit fl-**artikolu 80 tal-Kap 16**) inkella jekk it-tifel ikun gie registrat taht isem falz … … il-prova tal-filjazzjoni tista' issir b'xhieda ohra li tista' tingieb skond il-ligi. Fi kliem iehor jekk il-pussess ta' stat ma jaqbilx mac-certifikat tat-twelid il-prova li tohrog mic-certifikat tar-Registru Pubbliku mhux insindakabbli".*

Illi dawn il-principji kollha gew ikkonfermati fis-sentenzi **"Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella"** (P.A. (RCP) deciza fl-1 ta' Marzu 2001 Cit. Nru: 1841/98/RCP); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru. 190/97/RCP, **"Anthony Sant vs John Cutajar et"** (P.A. (RCP) 10 ta' Novembru 1999); **"Carmel Grima et vs Carmelo Borg et"** (P.A. (RCP) deciza fil-5 ta' Lulju 2001 Cit. Nru: 190/97/RCP); **"Natalino Scerri vs Giovanni Minafo`"** (P.A. (RCP) deciza fl-14 ta' April 2000 – Cit Nru 1919/98/RCP).

Illi ghal dik li hija l-kawza odjerna ma hemm l-ebda dubju li din l-azzjoni, kif *di piu'* ndikata fic-citazzjoni attrici giet istitwita skond il-parametri ta' l-**artikolu 70 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta,** li jiddisponi li:-

*"Ir-ragel jista' jichad li jaghraf it-tifel imnissel matul iz-zwieg:-*

*(a) jekk jipprova li, fiz-zmien bejn it-tliet mitt jum u l-mija u tmenin jum qabel it-twelid tat-tifel, hu kien fl-impossibbilta' fizika li jghammar ma' martu minhabba li kien 'il boghod minnha, jew minhabba xi accident iehor; jew*

*(b) jekk, fiz-zmien hawn fuq imsemmi, kien mifrud de facto jew legalment minn martu:*

*Izda ma jistax jichad lit-tifel jekk matul iz-zwieg ikun rega' nghaqad ma' martu, ukoll jekk temporanjament; jew*

*(c) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi kien milqut b'impotenza, ukoll jekk dik l-impotenza kienet wahda fit-tnissil; jew*
*(d) jekk jipprova li fiz-zmien hawn fuq imsemmi martu kienet ghamlet adulterju jew kienet hbiet it-tqala u t-twelid*

*tat-tarbija, u barra minn jekk jipprova xi fatt iehor (li jista' jkun testijiet u provi genetici u xjentifici) li x'aktarx jeskludu dik il-paternita'".*

Illi wiehed irid jirreferi ghall-**artikolu 73 tal-Kap 16** li jipprovdi li tali azzjoni mir-ragel ta' martu u omm ta' l-istess tarbija trid issir fi zmien sitt (6) xhur mit-twelid, jekk ir-ragel dak iz-zmien ikun jinsab Malta, u f'dan il-kaz ma hemm l-ebda dubju li tali kawza saret fit-terminu preskritt peress li l-istess tarbija twieldet fl-20 ta' Ottubru 2001 u c-citazzjoni attrici giet prezentata fil-5 ta' April 2002.

Illi mhux biss izda fl-atti processwali, l-konvenuta jidher li ammettiet il-fatt li l-istess attur m'huwiex il-missier naturali ta' l-istess minuri tant li fl-affidavit taghha hija ammettiet li t-tarbija, Saffron Dharma, hija bint Christopher Hayes u mhux bint zewgha. Waqt li qablet li ghadhom isiru l-korrezzjonijiet fl-att tat-twelid ta' l-istess minuri qablet ukoll li jitnizzel fil-kolonna relattiva ghat-taghrif tal-missier il-konnotati ta' Christopher Hayes, *stante* li dan irrikonoxxa lit-tarbija, Saffron Dharma, bhala bintu fl-affidavit tieghu a fol. 31 tal-process.

Illi l-attur u l-konvenuta qablu li kienu ilhom separati legalment mis-26 ta' Settembru 2001 u li qabel dan, huma kienu ilhom jghixu separati *de facto* mit-8 ta' Marzu 1998 u minn dak iz-zmien sat-twelid ta' l-istess tarbija ma kien hemm ebda kuntatt bejn l-attur ma' l-istess konvenuta u ghalhekk kien hemm impossibbilita' fizika li l-attur ikun iben ta' l-istess wild, meta l-istess zewg persuni kienu maqtugha minn xulxin u jghixu separatament, ghaliex il-partijiet kienu qed jghixu *de facto* separati minn xulxin, u qatt ma saret rikonciljazzjoni, lanqas wahda temporanja bejniethom, b'dan li gew ukoll sodisfatti l-provizzjonijiet ta' l-**artikolu 70 (1) (a) u (b) tal-Kap 16,** u ghalhekk taht dan l-aspett ukoll it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha kollha peress li gie konkludentement ippruvat li l-attur m'huwiex il-missier ta' l-istess minuri, Saffron Dharma, u ghalhekk ghandhom isiru l-korrezzjonijiet idoneji fic-certifikat tat-twelid ta' l-istess minuri, inkluz dak indikat mill-konvenut id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

Illi apparti dan l-konvenuta ddikjarat illi hija ghandha relazzjoni ma’ Christopher Hayes u li ilha tghix mieghu sa mill-1999 u ghalhekk ma hemm l-ebda dubju li gew sodisfatti d-dispozizzjonijiet ta’ l-**artikolu 70 (1) (d) tal-Kap 16.**

Illi apparti dan, mit-testijiet xjentifici li saru fuq l-istess tarbija, l-konvenuta u l-konvenut, Chris Hayes jirrizulta li l-probabbilta’ ta’ 99.99% hija li l-istess konvenut, Christopher Hayes li twieled fis-6 ta’ Novembru 1965 bil-karta’ ta’ l-identita’ numru 55966 (M) huwa l-missier naturali ta’ l-istess tarbija u dan skond certifikat rilaxxat mill-istess espert xjentifiku datat 30 ta’ Mejju 2003 u esebit bhala Dok. “CF” a fol. 36 sa 39 tal-process.
Illi ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu milqugha.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi fuq ammissjoni tal-konvenuta u filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut, id-Direttur tar-Registru Pubbliku, in kwantu l-istess huma b’xi mod inkompattibbli ma’ dak hawn deciz, **tilqa’ t-talbiet attrici,** b’dan illi:-

1. Tiddikjara li l-attur mhux il-missier naturali tat-tarbija, Saffron Dharma, li twieldet lill-konvenuta nhar l-20 ta’ Ottubru 2001.

2. Tordna l-kancellament ta’ ismu u l-konnotati tieghu l-ohra mal-kolonni ‘isem u kunjom ta’ missier it-tarbija, eta`/snin, fejn twieled/joqghod’ u ‘isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet.’ b'dan li l-istess attur ma jibqax jigi indikat bhala missier l-istess minuri fuq ic-certifikat tat-twelid taghha numru 4271/2001, u minflok jigi inserit l-isem ta’ Christopher Hayes bhala missier l-istess tarbija, u wkoll il-konnotati ta’ l-imsemmi Christopher Hayes li twieled fis-6 ta’ Novembru 1965 u li ghandu l-karta ta’ l-identita’ numru 55966 (M), ghandhom jigu indikati kollha fl-istess certifikat tat-twelid tal-minuri fil-kolonni relattivi anke hawn fuq imsemmija, u ghandhom isiru l-

korrezzzjonijiet kollha necessarji u skond il-ligi sabiex l-istess Christopher Hayes jigi indikat bhala li huwa fil-fatt il-missier naturali ta' l-istess minuri minflok l-attur.

3. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex jesegwixxi l-kancellament ta' l-istess konnotati mic-certifikat tat-twelid numru erbgha, tnejn, sebgha, wiehed (4271/2001) sbarra tnejn, zero, zero, wiehed u wkoll sabiex jirregistra l-korrezzjonijiet kollha hawn fuq indikati li juru li l-istess imsemmi, Christopher Hayes, huwa l-missier ta' l-istess minuri, u l-isem ta' l-attur bhala missier l-imsemmija minuri jigi wkoll kancellat.

Illi l-Qorti tordna wkoll li *ai termini* ta' l-**artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta** li kull korrezzjoni hawn ordnata ghandha ssir mid-Direttur tar-Registru Pubbliku fi zmien ghaxart (10) ijiem minn dakinhar li s-sentenza tghaddi f'gudikat u ghandha ssir bis-sahha ta' kopja vera tas-sentenza li tinghata lilu mir-Registratur tal-Qrati Superjuri, bil-mod preskritt fl-istess dispozizzjonijiet tal-**Kap 16** a spejjez ta' l-istess attrici.

Illi dwar il-kap ta' l-ispejjez dawn ghandhom jigu sopportati mill-konvenuta, Yasmeen Hoosain Aliff proprju, *stante* li ma jirrizultax mill-provi li tali zball kien imputabbli ghal xi raguni lill-attur u l-konvenut l-iehor, id-Direttur tar-Registru Pubbliku.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------